**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Settembru 2019**

Kawza Numru: 21/2016MS

High Rise Company Limited

vs

All Seasons Holidays Limited

It-Tribunal

Ra l-avviz tal-kumpanija attrici pprezentat fil-25 ta' Mejju 2016 fejn talbet lil dan it-Tribunal tikundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' €3,804, prezz ta' servizzi, manutenzjoni u riparazzjoni tal-fond Xlendi Hotel Spa u Resort gestit mis-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta pprezentata fit-30 ta' Gunju 2016 fejn gie eccepit illi fid-dawl tad-digriet moghti fl-10 ta' Gunju 2016 kif emendat b'digriet tal-20 ta' Gunju 2016, in segwitu ghal procedura kontemplata fl-artikolu 329(B)(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-kawza ma tistax tissokta. Salv eccezzjonijiet ohra .

Ra l-verbal tad-19 ta' Ottubru 2016 fejn wara illi ra l-artikolu 329(B)(4) tal-Kap 386, ordna s-sospensjoni ta' dawn il-proceduri stante illi t-terminu msemmi fid-digriet tal-10 ta' Gunju 2016 kien ghadu ghaddej.

Ra d-digrieti tal-Qorti tal-Magistrati tal-10 ta' Gunju 2016 u tal-20 ta' Gunju 2016, fejn ipprovdiet billi qieghdet il-kumpanija All Seasons Holiday Limited taht procedura ta' rkupru kif previst bl-Art. 329B tal-Kap 386 u nnominat bhala Kontrollur Specjali lill-avukat Dr. Andrew Borg Cardona.

Ra d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati tas-7 ta' Dicembru 2017 fejn il-kumpanija in kwistjoni - All Seasons Holiday Limited - tnehhiet mill-procedura tal-irkupru.

Ra d-digriet tal-Qorti tal-Kummerc tal-24 ta' Ottubru 2018 fejn dik il-Qorti ordnat illi din il-kawza kellha tissokta.

Ra d-digriet tat-3 ta' Dicembru 2018 fejn dan it-Tribunal appunta l-kawza ghall-25 ta' Jannar 2019 u ordna n-notifika lill-partijiet.

Ra l-verbal tal-25 ta' Jannar 2019 fejn gie ordnat in-notifika lill-amministratur provizorju tas-socjeta' konvenuta, Dr. Andrew Borg Cardona.

Ra n-nota tal-istess Dr. Andrew Borg Cardona fil-kwalita tieghu fuq premessa pprezentata fil-5 ta' April 2019, fejn wara li ta ruhu b'notifikat b'dawn il-proceduri, iddikjara li ma kellu ebda informazzjoni dwar jekk it-talba kellhiex tkun kontestata jew le, pero' fic-cirkostanzi tal-kaz kellu jinghad li l-kumpanija ma ghandha ebda fondi u jidher illi l-process ta' stralc huwa inevitabbli, b'dan illi x'tip ta' stralc kellu jkun ghadu ma kienx deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc peress illi seta' kien illi d-diretturi u/jew shareholders jiehdu posizzjoni li jaffetwa dan l-aspett.

Ra l-verbal tal-11 ta' April 2019 fejn fin-nuqqas ta' dehra tas-socjeta' konvenuta, s-socjeta' attrici pprezentat affidavit b'kopja ghal kontroparti u ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-20 ta' Settembru 2019, kif sussegwentement differit ghas-27 ta' Settembru 2019.

Ra illi s-socjeta' konvenuta All Seasons Holidays Limited giet notifikata bl-affidavit fuq imsemmi fit-30 ta' April 2019.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi skond l-affidavit ta' Domenic Ellul, dana jokkupa l-kariga ta' direttur fil-kumpanija attrici illi tipprovdi diversi servizzi ta' manutenzjoni u riparazzjoni fi propjetajiet. F'dan il-kaz, ir-relazzjoni bejn il-kontendenti bdiet fl-2009 meta s-socjeta' konvenuta ngaggat is-socjeta' attrici biex tinstalla *traction* MRL *panoramic lift* ta' tmien persuni fil-lukanda Hotel Xlendi Resort & Spa. Dan il-*lift* gie kkumissjonat fit-2010. Fit-2012, is-socjeta' konvenuta regghet

ingaggat lis-socjeta' attrici sabiex tinstalla *traction* MRL *lift* ta' tmien persuni fl-istess lukanda, liema *lift* gie kkummissjonat fit-2012. Sadanittant, bejn l-ewwel u t-tieni installazzjoni, l-partijiet dahlu f'*maintenance agreement* ghall-istess liftijiet. Ir-relazzjoni bejn iz-zewg kumpaniji baqghet ghadejja fuq mhedda ta' madwar erba' snin u nofs. Wara dan iz-zmien, il-pagamenti mis-socjeta' konvenuta bdew jonqsu. Dawn kienu jirrelataw ghal hsarat li jinqalghu meta dahal l-*ilma* gol-lifts fuq imsemmija u s-socjeta' attrici giet inkarigata biex taghmel ir-reparazzjonijiet necessarji.

Il-*maintenance agreement* fuq imsemmi ma giex imgedded wara 2013, peress illi s-socjeta' konvenuta waqqfet illi thallas ghas-servizzi. Domenic Ellul ikompli billi jghid li s-socjeta' konvenuta qatt ma hallset fil-pront u l-problemi eskalaw ghall-ahhar tal-2013 meta l-pagamenti kienu sporadici u ta' valuri relattivament zghar. Kien hemm okkazjoni ohra fl-2015 meta s-socjeta' konvenuta talbet ghas-servizzi tas-socjeta' attrici. Dawn is-servizzi gew ipprestati u Charmaine Vella in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta harget cekk ta' elfejn Euro - liema cekk ma giex imsarraf (*refer to drawer*). Minn dakinhar, is-socjeta' attrici waqqfet milli taghti servizzi lis-socjeta 'konvenuta u ffukat fuq il-gbir tal-ammonti pendenti.

Gew esebiti diversi dokumenti u *statements* sabiex is-socjeta' attrici tiggustifika t-talba taghha. Minkejja l-isforzi kollha taghha, l-ammont mitlub ta' €3,804 ghadu dovut sallum.

Minkejja li s-socjeta' konvenuta kif ukoll l-amminstratur provizorju kienu notifikati b'dawn il-proceduri u kellhom kull opportunita' illi jressqu l-provi biex jikkontestaw il-provi migjuba mis-socjeta' attrici, dawn ma gabu l-ebda prova.

Ikkunsidra

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap 380) jiprovvdi espressament fl-Art. 9 (2) li gudikatur ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jitwalx iktar minn seduta wahda;

Imbaghad l-Art 13(b) tal-istess Att jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut ……

Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu. Tali dispozizzjoni naturalment m'ghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali.

Fil-kaz odjern, jidher li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata, ma deheritx u m'ghamlet l-ebda ostakolu ghal prolazzjoni ta' din is-sentenza u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni jew spjegazzjoni ohra li b'xi mod turi li dak li ntqal mis-socjeta attrici m'ghandhiex mis-sewwa.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-socjeta attrici rnexxielha tipprova t-talba taghha filwaqt li l-konvenuta ma ressqet l-ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikundanna lis-socjeta' konvenuta li thallasha s-somma ta' €3,804, bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza. Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' konvenuta.

Dr Michela Spiteri LL.D.
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*